# HAL BALZAN

L-GHAXAR SENA Nru. 54 JANNAR/MARZU 1981

EDITORJAL

## BDIET SENA GDIDA!

Bdiet Sena Ġdida! Mat-twelid ta' sena ġdida, kull wieħed u waħda minna tagħmel xi proponimenti: "Ara, min issa 'l quddiem, nibda . . . . . ; le, żgur li ma . . . . . ." Għandna l-ħila nżommuhom il-proponimenti li għamilna fil-bidu tas-sena? Nawgurawlkom li dak li wegħedtu żżommuh!

Hekk jitlob Lord Tennyson fil-poeżija tiegħu 'In Memoriam' lis-sena l-ġdida: 'Ring out the false, ring in the true';

U aktar 'il quddiem:

'Ring in the love of truth and right
Ring in the common love of good.'

U fl-aħħar nett:

'Ring in the valiant man and free,
the larger heart, the kindlier hand;
Ring out the darkness of the land,
Ring in the Christ that is to be.'

Dawn huma l-awguri tagħna, il-Bord Editorjali ta' HAL BALZAN lill-qarrejja tagħna kollha għas-sena 1981. Jalla kull wieħed u waħda minnkom ikollkom sena aħjar milli għaddiet, mimlija risq u barka tas-sema.

Fix-xahar ta' Frar, sewwa sew fin-nofs tiegħu, ħafna żgħażagħ ikunu ħerqana jistennew xi 'Valentine' minn għand xi ħadd li forsi jkun tefa' għajnejh fuqha jew forsi jkun ġieli tbissmilha, ngħidu aħna waqt li tkun dieħla 'l knisja jew ħierġa minn xi disco; insomma xrar ta' mħabba mfisser b'Card li fuqha tinkiteb xi poeżija ħelwa benna li tolqot u tkebbes il-qalb ta' min jirċeviha.

Din id-drawwa li issa daħlet ġmielha hawn Malta kellha l-oriġini tagħha fil-prattika pagana ta' għoti ta' ġieh lil Juno fl-14 tax-xahar qsajjar ta' Frar. M'hemm konnessjoni xejn mal-Festa ta' San Valentinu Martri li ngħata l-Martirju mill-Imperatur Claudius II (270 wara Kristu). Il-Festa tiegħu kienet imfakkra fl-14 ta' Frar qabel Gregorju l-Kbir.

Kulħadd jaf kemm Ħal Balzan għandu konnessjoni kbira ma' dan il-Qaddis Martri! Barra li hawn triq imsemmija għalih, Balzanin — irġiel u nisa, — issir Festa kbira (dari forsi aktar mil-lum) għall-unur tiegħu fis-sajf. Minkejja dan, tista' forsi tinħoloq xi attrazzjoni lejn Ħal Balzan, ta' żgħażagħ, f'xi Ħadd ta' Frar, fejn tingħata qima lil dan il-Qaddis, bħal ngħidu aħna — 'Ħadd In-Nies' f'Ħaż-Żabbar jew 'San Girgor' f'Marsaxlokk!

'Marzu Marzellu, ħaraq il-moxt u r-rixtellu!' Għall-Balzanin, Marzu hu għażiż ħafna għax fih tiġi ċċelebrata l-Festa tal-Lunzjata sewwa sew fil-ħamsa u għoxrin tax-xahar. Fil-bidu tas-seklu l-festa kienet issir proprju fil-ġurnata tagħha. Għal xi żmien, kienet issir nhar Ħadd il-Ġdid, Ħadd fuq l-Għid; imma mbagħad nstab li l-qtigħ il-qalb tal-maltemp aħjar jinqata' għal kollox u għalhekk f'dawn is-snin il-Festa stabbiliet ruħha nhar it-tieni Ħadd ta' Lulju. Ta' min isemmi li fil-bolli li l-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta ħareġ għall-Milied ta' l-1980, reġgħet feġġet bolla oħra li turi t-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabirjel lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla. Il-bolla hija ta' 2c + 5m, pittura ta' Anton Inglott (1915-1945) li tinstab fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt. Id-disinn tal-bolla sar minn Raymond Pitrè u flimkien ma' tliet bolli oħra, is-sett ħareġ fis-7 t'Ottubru 1980.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

# 1981 -- SENA B'TIFSIRA TA' MHABBA

Minn Monsinjur Michael Azzopardi

**NAHSEB LI KULHADD DIĠA' JAF LI DIN IS-SENA L-ĠDIDA, B'DEĊIŻJONI TAL-ĠNUS MAGHQUDA, SER TKUN IDDEDIKATA LIL HUTNA NKAPAĊITATI FIL-MOHH U/JEW FIL-ĠISEM. GHALHEKK JINHASS LI TKUN HAĠA TAJBA LI WIEHED JISPJEGA MHUX BISS GHALFEJN SER ISSIR DIN IS-SENA IMMA WKOLL KIF F'MALTA U GHAWDEX NISTGHU NWIEĠBU GHAL DIN IS-SEJHA TAL-ĠNUS MAGHQUDA.**



Monsinjur Mikiel Azzopardi, l-awtur ta' dan l-artiklu, twieled fil-Parroċċa ta' San Duminku fil-Belt Valletta fl-10 ta' Frar 1910. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1934.

Il-ħidma ta' Dun Mikiel fil-Qasam Pastorali kienet fi ħdan l-Azzjoni Kattolika Maltija fejn kien Assistent Ekklesjastiku Ġenerali. Dun Mikiel għamel żmien twil bħala Inspector fir-Reliġjon fl-Iskejjel tal-Gvern.

Ix-xogħol tiegħu fost il-morda ma jistax jiġi separat mix-xandir reliġjuż li kien il-mezz biex nhar it-12 ta' Settembru 1965, jagħti l-ħajja żewqa f'qalb Dun Mikiel li f'Malta jkun hawn Dar Residenzjali għall-Inkapaċitati.

Monsinjur Azzopardi llum huwa l-fundatur u d-Direttur ta' din id-Dar — id-Dar tal-Provvidenza — id-dar li bdiet bl-Id tal-Provvidenza u llum iżżomm bl-Id tal-Provvidenza.

Din id-Dar tikkonsisti f'żewġ vilel: waħda msemmija għal Monsinjur Gonzi għat-tfal ta' taħt is-sittax-il sena u l-oħra msemmija għal Papa Giovanni għat-tfal 'il fuq minn sittax-il sena.

Fiż-żewġ vilel illum hemm 84 "anġli" kif iħobb isejħilhom Mons. Azzopardi. Il-kuntentizza u l-futur tagħhom jiddependi mill-ġenerożità tal Maltin u l-Għawdxin.

Ħal Balzan qiegħed igħin xi ftit f'din il-ħidma billi jsir fil-Parroċċa Jumble Sale li l-qligħ tiegħu jmur għad-Dar tal-Provvidenza.

Il-fatt stess ta' dina l-għażla, diġà ser tkun ta' ġid kbir għall-maħbubin ħutna li jeħtieġu, aktar minn ħaddieħor, l-għajnuna tagħna. Għax l-inkapaċitat — min ftit, min wisq; min għal xi żmien u min għal għomru kollu — jiddependi minn ħaddieħor biex ikun jista' jgħix ħajja li tkun kemm jista' jkun tixbaħ lil dik tal-bnedmin l-oħra kollha.

L-ewwel skop ta' dina l-għażla kien biex iċ-ċittadini tal-pajjiżi kollha tad-dinja jsiru jafu aħjar il-problemi, id-diffikultajiet, il-ħtiġijiet ta' l-inkapaċitat. Għax jeħtieġ nammettu, li bil-progress kollu li sar f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, bosta u bosta huma dawk li għad ma għandhomx idea tal-problemi li jinħolqu fl-individwu, fil-familja, fis-soċjetà meta tarbija tiġi fid-dinja b'xi difett f'moħħha u/jew ġisimha. Jew meta, bħala konsegwenza ta' marda jew inċident, bniedem jitlef, parzjalment jew għal kollox, is-setgħat ta' moħħu jew/u ta' ġismu.

Bħala konsegwenza ta' dan it-tagħlim, huwa ttamat li ċ-ċittadini kollha jitqanqlu iżjed biex jagħtu l-għajnuna meħtieġa mhux lill-individwi nkapaċitati individwalment imma wkoll lil dawk li huma responsabbli ta' xi servizzi li jagħtu lill-inkapaċitati.

Bħala nsara, li nemmnu u nipprattikaw il-liġi ta' l-imħabba, ma nistgħux nibqgħu ndifferenti quddiem dawn il-bżonnijiet. L-għajnuna ta' kulħadd hi meħtieġa biex nagħtu kundizzjonijiet ta' ħajja aħjar lil ħutna nkapaċitati — żgħar jew kbar.

Aħna nafu li kull ġid irid jasal minn għand il-Mulej, għalhekk l-ewwel u l-ikbar għajnuna trid tkun dik tat-talb. Iżda barra mit-talb l-inkapaċitati jeħtieġu wkoll għajnuniet li jkunu frott ta' ħafna sagrifiċċji. L-inkapaċitati jeħtieġu l-għajnuna PERSONALI — Attenzjoni li tkun imqanqla minn karità w imħabba ġenwina. Is-servizzi għall-inkapaċitati jiswew ħafna u ħafna flus. Għalhekk innisrani li jħobb, jagħder u jkun irid jissagrifika wkoll mezzi finanzjarji, skond kemm jista, biex jitjiebu dejjem aktar is-servizzi għall-inkapaċitati

F'Malta, għall-grazzja t'Alla dawn is-servizzi ma jonqsux: jaħseb il-Gvern biċ-ċentru ta' l-Edukazzjoni Speċjali, jaħsbu għaqdiet voluntarji ta' kull xorta. Iżda l-Opra li l-aktar li teħtieġ għajnuna hi ID-DAR TAL-PROVVIDENZA għax hi l-unika waħda li toffri lill-inkapaċitati kura residenzjali u l-ikbar solliev lill-familja li jħossu ruħhom quddiem l-inkapaċità li jkomplu jieħdu ħsieb, bejn l-erba' ħitan tad-dar, lil xi membru li hu serjament inkapaċitat.

ID-DAR TAL-PROVVIDENZA, irridu jew ma rridux, tibqa' dejjem indispensabbli biex tagħti risposta xierqa lil dawk il-ġenituri li speċjalment meta jibdew jixjieħu, jistaqsu lilhom infushom "X'ser isir minn uliedna meta aħna nagħlqu għajnejna?"

### KAMPANJA SOSTENITURI

Il-ġejjieni tal-gazzetta "Ħal Balzan" jiddependi mill-ġenerosità tiegħek. Jekk tixtieq tkun sostenitur tista' jew tagħti l-offerta tiegħek (£1.00 fis-sena) lil xi membru tal-bord jew tibgħatha flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek f'dan l-indirizz: "Ħal Balzan", c/o Każin San Gabriel, Ħal Balzan.

'ĦAL BALZAN'
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Ħal Balzan.
Stampat fil-Lux Press Ħamrun.

# X'GARA FOSTNA

**SETTEMBRU 1980**

Fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, fil-Museum tas-Subien saret Ġimgħa Logħob għat-tfal li jattendu f'dan iċ-ċentru. Din il-ġimgħa tiġi organizzata ta' kull sena bi skop mhux biss rikrejattiv imma wkoll edukattiv, u għaliha jikkonkorru numru kbir ta' tfal.

Il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru, bil-kant tal-għasar lejlet u nhar il-festa, quddiesa kantata, u l-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddis, li fiha jieħdu sehem il-membri tal-fratellanza.

**OTTUBRU 1980**

Nhar il-Ħadd, 5 t'Ottubru, l-ewwel Ħadd tax-xahar, ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Il-purċissjoni ħarġet fis-6.15 p.m. u fiha akkumpanja l-poplu kollu, kif ukoll l-imseħbin fil-fratellanza tal-Madonna.

Il-Ħadd, 12 tax-xahar, sar fil-Parroċċa talb speċjali, inkluża quddiesa votiva u adorazzjoni, għall-bżonnijiet ta' l-Isqfijiet li kienu miġbura f'Ruma għas-Sinodu Mqaddes. Il-Ħamis ta' wara, 16 t'Ottubru, tqaddset quddiesa konċelebrata fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tat-tielet anniversarju tal-għażla tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-Ġurnata Missjunarja saret nhar il-Ħadd, 19 t'Ottubru. F'din l-okkażjoni sar ġbir speċjali mal-Parroċċa kollha li laħaq somma sabiħa ħafna.

**NOVEMBRU 1980**

Nhar it-2 ta' Novembru, tifkira tal-mejtin kollha, sar it-tberik tal-mejtin midfuna fiċ-ċimiterju tal-Parroċċa kif ukoll fil-Knisja l-qadima tal-Lunzjata u fil-Knisja Parrokkjali. Tul ix-xahar, sar il-quddies kantat u l-uffiċċjaturi għall-kleru u l-imseħbin fil-fratellanzi tal-Parroċċa.

Bejn l-Erbgħa 12 tax-xahar u l-Ġimgħa 14, fil-knisja saru taħditiet speċjali għat-tfal li kienu se jirċievu s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Is-Sagrament tal-Griżma ġie amministrat fil-Parroċċa nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru. 63 tifel u 52 tifla rċevew dan is-sagrament minn idejn l-Eċċellenza tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Emeritu ta' Malta, li ħeġġiġhom sabiex ikunu dejjem lesti biex jistqarru l-fidi tagħhom bla biża' u bla rispett uman. Lil dawn it-tfal, aħna nawgurawlhom u nitolbu għalihom.

Nhar is-Sibt, 22 ta' Novembru, fetħet f'Ħal Balzan il-Missjoni l-Kbira, li baqgħet sejra sas-6 ta' Diċembru. Tul dawn il-ġimagħtejn, saru diversi laqgħat u diskussjonijiet ta' tagħlim għall-kategoriji diversi ta' nies: irġiel u nisa miżżewġin, żgħażagħ, studenti u tfal. Kienu jiem ta' attività kbira, biss l-attendenza għal dawn il-laqgħat setgħet kienet ħafna aħjar, l-aktar meta tiftakar kemm okkażjoni bħal din mhijiex spissa.

Fil-korteo tal-festa ta' Kristu Re, li din is-sena ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 23 ta' Novembru, il-Parroċċa tagħna kienet irrappreżentata mill-kleru, l-għaqdiet u l-poplu.

**DIĊEMBRU 1980**

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, fil-quddiesa ta' fil-għaxija sar it-tesserament għall-imseħbin ta' l-Azzjoni Kattolika; nhar it-Tlieta u l-Erbgħa ta' qabel saru jumejn ta' thejjija.

In-Novena tal-Milied bdiet nhar it-Tnejn, 15 tax-xahar, b'kant ta' għanjiet u omelija fil-quddiesa ta' fil-għaxija. Il-Ħadd ta' wara, 21 ta' Diċembru, sar programm tal-Milied mill-membri tal-Museum fil-kappella tal-Bon Pastur. Il-programm tal-Milied issokta lejlet il-Milied bil-Purċissjoni tal-Bambin minn ħdejn il-Museum tas-Subien, il-funzjoni ta' bil-lejl u l-quddiesa kantata bl-orkestra. Il-priedka tradizzjonali din is-sena saret mit-tfajjel Winston Pirotta. Nhar it-Tlieta, 30 mix-xahar, sar il-'party' tat-tfal fis-Sala Aurora.

## SOSTENITURI

**Valentino Chetcuti — 'Annunziata', Triq l-Annunzjata**
**Phyllis Falzon — 'Cor Jesu', Triq in-Naxxar, Birkirkara.**
**Helen Gulia — 'Valestone', Triq San Valentinu.**
**John Micallef — 'Casa Sta. Rita', Triq it-Tliet Knejjes.**
**Carmel Penza — 15, Msida Sea Front, L-Imsida.**
**Anthony Sammut — 4, Triq it-Tliet Knejjes.**
**Victor Tortell — 'Villa Lourdes', NS fi Triq Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard.**

# ID-DFIN F'ĦAL BALZAN (2)

**IL-PESTA TAL-1813 U D-DFIN**

Fl-1813, f'Malta dehret il-marda qalila tal-pesta. Din il-marda qerrieda bdiet ma' l-ewwel ta' April u baqgħet sejra sa nofs is-sena 1814. B'kollox mietu 4,572. L-aktar li ntlaqtu kienu Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u Birkirkara. (1)

Fir-Reġistru tal-Mejtin tal-Knisja Parrokkjali tagħna nsibu nota li tgħid li, nhar is-6 ta' Mejju 1813, intlaqat mill-marda tal-pesta ċertu Salvu Borg, li kien ħajjat, mill-Belt Valletta. Din il-marda ħaditha l-familja tiegħu kollha. Xi jiem wara ġie msejjaħ it-tabib li ċċertifika li dik kienet il-marda tal-pesta. Din il-marda f'qasir żmien xterdet ma' Malta kollha. (2)

Fl-24 ta' Mejju 1813, l-Isqof Mattei talab li l-knejjes jingħalqu għall-poplu. Minflok il-quddiesa tal-Ħadd talab lill-fidili jgħidu ħmistax-il posta tar-Rużarju. Talab ukoll biex kulħadd jingħaqad fil-ħsieb mal-qassis li jkun iqaddes fil-Parroċċa. Il-bidu tal-quddiesa kellha titħabbar bid-daqq ta' qanpiena. (3)

Naraw issa min kien miet hawn Ħal Balzan bejn is-17 ta' Ġunju 1813 u d-9 ta' Jannar 1814. Naraw jekk kellhomx il-marda tal-pesta u fejn indifnu.

17 ta' Ġunju — Tarbija ta' sentejn u nofs. It-tabib kellu xi suspetti dwar il-mewt ta' din it-tarbija, u għalhekk ġiet midfuna fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata.

20 ta' Ġunju — Xiħ ta' 80 sena. It-tabib koranti tiegħu flimkien ma' żewġ tobba oħra ċċertifikaw li ma kellux il-marda tal-pesta, u għalhekk, wara li saru l-esekwiji fuq il-katavru, ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali.

4 ta' Awissu — Tarbija ta' sitt xhur. Ġie ċċertifikat li ma kellhiex il-pesta u għalhekk ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali.

17 ta' Awissu — Tarbija ta' ħdax-il xahar minn Birkirkara, iżda l-ġenituri kienu ġew joqogħdu hawn. Peress li ġie ċċertifikat li ma kellhiex il-pesta ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali.

30 ta' Awissu — Tifel ta' erba' snin. Ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali.

10 ta' Novembru — Tifla ta' sentejn. Peress li ġie ċċertifikat li ma mititx bil-pesta, ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali.

10 ta' Diċembru — Xebba ta' 20 sena. L-għada tal-mewt tagħha, wara li t-tobba ċċertifikaw li l-mewt tagħha ma ġietx ikkaġunata mill-pesta, ġiet meħuda fil-Knisja Parrokkjali u, wara li sarulha l-esekwiji, ġiet midfuna fl-istess knisja.

5 ta' Jannar 1814 — Tifel ta' 7 snin. Dan miet il-Belt Valletta. Wara li ġie aċċertat li l-mewt ta' dan it-tifel ma kenitx ikkaġunata mill-pesta, ġie ttrasportat f'din il-Knisja Parrokkjali fejn, wara li sarulu l-esekwiji, ġie midfun fl-istess knisja.

9 ta' Jannar — Armla ta' 81 sena, mill-Belt Valletta. Wara li ġie aċċertat li l-mewt ta' din ix-xiħa ma kenitx il-pesta, il-katavru tagħha ġie l-għada ttraspurtat fil-Knisja Parrokkjali tagħna fejn, wara li saru l-esekwiji, saret id-difna fl-istess knisja. (4)

**SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN**
**Tiftix u kitba ta'**
**DUN ĠWANN DIMECH**

F'wieħed mill-kotba tal-Knisja nsibu li, fl-aħħar ta' Diċembru tal-1813, il-Knisja Parrokkjali ġiet iddisinfettata minn xi mikrobi tal-pesta. (5)

F'Jannar tal-1814 saret Quddiesa Kantata għall-ħelsien tal-marda tal-pesta, u għal din il-quddiesa ġew imsejħa żewġ saċerdoti oħra minn parroċċa oħra biex jagħtu għajnuna lill-kor. (6)

Il-Quddiesa Kantata Solenni u l-kant tat-Te Deum, ordnati mill-Isqof ta' Malta, Mons. Ferdinandu Mattei, bħala radd ta' ħajr lill-Mulej għall-ħelsien tal-marda tal-pesta, fil-Knisja Parrokkjali tagħna saret fix-xahar ta' Ottubru 1814. (7)

**IL-KOLERA TAL-1837 U D-DFIN**

Il-marda tal-kolera bdiet fid-Dar tax-Xjuħ, il-Furjana, nhar id-9 ta' Ġunju 1837. (8)

Naraw issa mir-Reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa tagħna min miet u fejn ġew midfuna dawk kollha li mietu mid-9 ta' Ġunju 1837 sad-19 ta' Settembru ta' l-istess sena, biex hekk inkunu nafu kemm mietu matul il-marda tal-kolera.

21 ta' Ġunju — Tarbija ta' sena u erba' xhur. Din ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar Nru. 44.

24 ta' Ġunju — Tifla ta' tliet snin u xahrejn, u ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar Nru. 40.

Fl-istess jum — Tifla ta' sentejn, u ġiet midfuna fil-qabar tal-Knisja Parrokkjali Nru. 44. (9)

Mill-istess Reġistru tal-Mejtin, naraw li fi żmien din il-marda tal-kolera f'Ħal Balzan kien hawn sptar li kien magħruf "Ospedale di Sant'Antonio". Dan l-isptar kien il-post li sa ftit ilu kien iservi bħala skola primarja tas-subien. Dan l-isptar kien iservi biex fih jiġu kkurati dawk kollha li kienu jintlaqtu minn din il-marda kiefra u li kienu joqogħdu fl-irħula tal-qrib. Għalhekk insibu mdaħħlin f'dan l-isptar morda minn Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħ'Attard, in-Naxxar, Ħal Għargħur u Birkirkara.

F'Ħal Balzan, bejn id-19 ta' Lulju u t-22 ta' Awissu, mardu tnax bil-kolera u mietu sitta. (10)

Fir-reġistru tal-Knisja Parrokkjali, insibu li mid-9 ta' Lulju 1837 sad-19 ta' Settembru ta' l-istess sena, f'Ħal Balzan mietu mija u tnax-il ruħ. Minn dawn il-mejtin, tmienja mietu fid-dar tagħhom u l-bqija mietu fl-Isptar Sant'Antonio.


Ngħiduha mill-ewwel li dawk kollha li mietu fl-isptar ta' Ħal Balzan ġew midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija. Żgur li d-dfin sar f'dan iċ-ċimiterju peress li ċ-ċimiterju ta' Ħal Balzan kien ċkejken għall-għadd ta' mejtin li kienu jmutu kuljum. Tant hu hekk li laħaq kien hemm sitt difniet f'jum wieħed.

Insibu wkoll fir-reġistru li dawk kollha li mietu fid-dar tagħhom ġewwa Ħal Balzan ġew midfunin fil-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata. Naraw min kienu dawk li mietu, meta mietu u kemm kellhom snin. Għad li għaddew mija u ħamsin sena minn din il-marda tal-kolera, inħoss li għal raġunijiet evidenti għandi nħalli barra l-ismijiet u l-kunjomijiet, kif għamilt dwar il-marda tal-pesta tal-1813.

31 ta' Lulju 1837 — Mara ta' 46 sena.

2 ta' Awissu — Raġel ta' 60 sena.

(għal paġna 3)



12 HOUR SERVICE
FOR COLOUR FILMS

# ID-DFIN F'HAL BALZAN (2)

(minn paġna 2)

11 ta' Awissu — Xiħa ta' 87 sena.

Wara dawn, mietu tliet aħwa, li kienu hekk:

17 ta' Awissu — Tifla ta' 11-il sena.

19 ta' Awissu — Ħuha ta' 14-il sena.

22 ta' Awissu — Oħtha ta' 18-il sena.

Min jaf kemm ħassewha l-ġenituri ta' dawn it-tliet ulied!

16 ta' Settembru — Tifel ta' 4 snin.

19 ta' Settembru — Raġel ta' 66 sena. [11]

F'Settembru tal-1837, is-sagristan tal-Knisja Parrokkjali rċieva sitt skudi talli matul l-epidemija tal-kolera għen ħafna, kif ukoll talli wara li spiċċat il-marda naddaf sew l-knisja minn xi mikrobi. [12]

Ma kenux ftit in-nies tal-Parroċċa tagħna li matul il-kolera taw oġġetti tad-deheb u tal-fidda bħala wegħdi lill-Madonna. [13]

Mit-3 ta' Ottubru 1837 'il quddiem, id-dfin kollu reġa' beda jsir mill-ġdid fl-oqbra tal-Knisja Parrokkjali. [14]

**IL-KOLERA TAL-1850 U D-DFIN**

Tlettax-il sena wara li kienet spiċċat il-marda tal-kolera tal-1837, reġgħet tfaċċat għal darb' oħra, u baqgħet imsemmija bħala l-kolera tal-1850. F'dak iż-żmien, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet ta' 632 ruħ. Din id-darba, Ħal Balzan intlaqat ukoll minn din il-marda kiefra. Tant hu hekk li bejn id-29 ta' Lulju 1850 u t-18 ta' Novembru ta' l-istess sena, f'Ħal Balzan mietu ħmistax-il ruħ li minnhom tmienja mietu bil-marda tal-kolera. Naraw din id-darba l-mejtin li mietu f'dan il-perijodu u naraw fejn ġew midfuna. It-tmien każi tal-kolera ser nimmarkahom kif inħuma mmarkati fir-reġistru tal-mejtin.

Każ nru. 1 tal-kolera — 29 ta' Lulju — Raġel ta' 39 sena miet f'Ħal Tarxien. L-għada ġibuh Ħal Balzan u wara l-esekwiji ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar Nru 36.

Każ Nru. 2 — 3 ta' Awissu — mara ta' 66 sena ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar Nru. 49.

6 ta' Awissu — Tifel ta' 4 snin, u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali.

Każ Nru. 3 — Raġel ta' 54 sena li miet id-dar tiegħu u l-għada ġie meħud fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u midfun hemm.

13 ta' Awissu — Mara ta' 70 sena. L-għada ġiet meħuda fil-Knisja Parrokkjali u midfuna fil-qabar Nru. 32.

Każ Nru. 4 — 15 ta' Awissu — Tarbija ta' xahrejn li ġiet midfuna fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata.

Każ Nru. 5 — 18 ta' Awissu — mara ta' 60 sena. L-għada ġiet meħuda fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u midfuna hemm.

Każ Nru. 6 — 20 ta' Awissu — Tifla ta' sitt snin. Ġiet meħuda fil-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata u midfuna hemm.

Każ Nru. 7 — 11 ta' Settembru — Raġel ta' 64 sena li miet id-dar tiegħu u fl-istess jum ġie meħud fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u ġie midfun hemm.

— 12 ta' Settembru — Xiħ ta' 84 sena li l-għada tal-mewt ġie meħud fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata u midfun hemm.

— 21 ta' Settembru — Tarbija ta' sena u erba' xhur li ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali.

Każ Nru. 8 — 28 ta' Settembru — Tifel ta' 6 snin li l-għada tal-mewt ġie meħud u midfun fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata.

— 4 ta' Ottubru — Xiħ ta' 78 sena li miet id-dar u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija.

— 12 ta' Ottubru — Tifla ta' tliet snin u ħames xhur li dak in-nhar tal-mewt tagħha ġiet meħuda u midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija.

— 8 ta' Novembru — Tfajla ta' 25 sena li mietet id-dar u li dak in-nhar stess ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar Nru. 64.

Minn din l-aħħar difna 'l quddiem, id-dfin reġa' beda jsir regolarment fl-oqbra tal-Knisja Parrokkjali. [15]

**IĊ-ĊIMITERJU TAS-SALIB**

Il-W. Rev. Kappillan Dun Franġisk Saverju Zahra ħaseb li kien jixraq li l-Parroċċa ta' Ħal Balzan ikollha ċimiterju tagħha. Dan iċ-ċimiterju l-Kappillan Zahra għamlu mill-flus li faddal mill-ġbir tal-Knisja u b'hekk ma interessa xejn lill-poplu Balzani. [16]

Nafu li l-ewwel ħjiel biex jinbeda x-xogħol tal-bini ta' dan iċ-Ċimiterju nsibuh mill-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja fejn naqraw li nhar it-22 ta' Marzu 1938 tqiegħdet is-somma ta' £150 ,l-"Cassa Pie Amministrazione" tal-Kurja "Għall-Bini ta' Ċimiterju Ġdid". Hekk insibu li sar fil-25 ta' April 1941 u fit-18 ta' Mejju 1942. [17]

Dan iċ-Ċimiterju, li ġie msemmi "tas-Salib", tbierek solennement mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, fil-preżenza tal-Kappillan F.S. Zahra, kleru u poplu nhar il-21 ta' Marzu 1946.

**RIFERENZI**


1. Micallef G.: Ħal Luqa p. 221.
2. Lib. Defunctorum Vol. III — Ark. Par.
3. Micallef G.: Ħal Luqa p. 222.
4. Lib. Def. Vol. III — Ark. Par.
5. Lib. 26 — Ark. Par.
6. Ibid. Cit.
7. Ibid. Cit.
8. Micallef G.: Ħal Luqa p. 223.
9. Lib. Def. Vol. III p. 48 — Ark. Par.
10. Zammit W.: Ħal Balzan Nru. 40.
11. Lib. Def. Vol. III p. 50 — Ark. Par.
12. Lib. 26 — Ark. Par.
13. Ibid. Cit.
14. Lib. Def. Vol. III — Ark. Par.
15. Ibid. Cit.
16. Muscat V.: Ħal Balzan Nru. 13.
17. Lib. 29 p. 170, 172 — Ark. Par.


## MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

**Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija:**

Paul Bonnici, bin Paul u Joanna.
Diane Camilleri, bint Emmanuel u Josephine.
Brian Cremona, bin Vincent u Carmen.
Berenice Zammit, bint Anthony u Louise.
Trevor DeGiorgio, bin Oliver u Carmen.
James Cutajar, bin Joseph u Vivienne.
James Vella Bardon, bin Frank B.Ch.D. u Josanne.
Rhiana Buttigieg, bint Martin u Mariella.
Daniela Cachia, bint Joseph u Josephine.
Fiorella Ellul, bint Martin u Nathalie.
Charlene Zammit Moore, bint Charles u Alida.
Christian Camilleri, bin Joseph u Connie.
Christine Borg, bint Guido u Jane.
Laura Grech Cumbo Pillow, bint Winston u Helen.
Edward Zarb, bin George u Antonia.
Loredana Galea, bint Reggie u Antoinette.
Sergio Azzopardi, bin Manuel u Rita.
Gabriella Pirotta, bint Charlie u Carmen.
Steve Falzon, bin Carmel u Rita.
Craig Axiaq, bin Carmel u Maria.
Christopher Axiaq, bin Carmel u Maria.
Vanessa Camilleri, bint Mariano u Grace.
David Joseph Camilleri, bin Joseph David LL.D. u Marie Therese M.D.
Stephanie Zerafa, bint David u Catherine.
Anthony Catania, bin Carmelo u Nancy.
Amanda Abela, bint George u Magdalene.
Francesca Scerri, bint Joe u Marcelle.
Golda Galea, bint Philip u Victoria.

**Qaddsu mħabbithom biż-żwieġ nisrani:**

Alfred Bray u Carmen Chetcuti.
Anthony Briffa u Bridgitte Gauci.
Vincent Zammit u Jane Pullicino.
Salvatore Cachia u Josephine Camilleri.
Richard Attard u Emmanuela Buttigieg.
Carmel Cutajar u Alfrida Bonnett.
Paul Baldacchino u Simone Castillo.
Emmanuel Marmara u Linda Ann Noakes.

**Għaddew għall-ħajja ta' dejjem:**

Anna Agius.
Maria Aquilina.
John Gauci Borda.
Peter Micallef.
Maria Sammut.
Suor Eduiges Insausti, Franġ. Miss. ta' Marija.
Adeodata Mallia.
John Sciberras.
Elizabeth Attard Montalto.
Rosaria Zammit.
Antonio Caruana.
Antonio Calleja.
Maria Chetcuti.

# ROKNA GHAT-TFAL

Tfal,

Erġajna wasalna għal ħarġa oħra tal-gazzetta tagħna għal matul is-sena, 1981, li għadha kif bdiet u naturalment wasalna wkoll għall-ewwel kompetizzjoni ta' din is-sena. Il-kompetizzjoni li hejjejnielkom għal din id-darba fiha xi ftit tal-ħsieb, iżda bi ftit tal-paċenzja nafu żgur li jernexxielkom tagħtu riżultat tajjeb. Kull ma rridu minn għandkom hu li tiffurmaw ismijiet ta' nies minn sett ta' ittri li se nagħtukom.


Hekk ngħidu aħna minn dan is-sett ta' 7 ittri: A, A, Z. P, K, N, R, joħroġ isem ta' raġel PANKRAZ u minn sett ieħor ta' 7 ittri ukoll: A, A, E, M, J, N, L, joħroġ isem ta' mara MELANJA. Issa niġu għax-xogħol li rridu minn għandkom. Kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu tliet ismijiet ta' rġiel u tliet ismijiet ta' nisa. Is-sett ta' l-ismijiet ta' rġiel huma: A, A, B, J, N, S, T; E, I, U, N, T, S; A, E, I, L, M, S, W; filwaqt li tan-nisa huma: A, A, E, J, R, S, V; A, E, I, D, L, M, T; A, E, O, B, R, R, T.

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess Każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 14 ta' Marzu, 1981.

Ħafna mill-kliem li stajtu ssibu mill-kelma "Ortografija" kienu: roti, fija, tgorr, torri, torja, rat, rit, rari, rita, riga, ta, taf, tar, tir, tarija, fart, rig, fi, fatar, fatra, oftor, fir, fit, ftira, u tant u tant oħrajn.

Ir-rebbieħa hija: Elizabeth Chetcuti, li toqgħod "Carmen", Dr. Zammit Street, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

## ABBATINI L-VATIKAN



Is-sajf li għadda, Alfred Borg, abbati fil-Kappella tas-Sorijiet tal-Bon Pastur, mar il-Vatikan jagħti servizz fil-Bażilika ta' San Pietru. Din hi t-tieni darba tiegħu li mar il-Vatikan. L-ewwel darba kien fl-1976, u issa mar bħala prefett flimkien ma' 32 abbati Malti ieħor. L-abbatini Maltin damu hemmhekk mill-4 t'Awwissu sal-15 ta' Settembru. F'dawn is-sitt ġimgħat huma taw kuljum servizz fil-Bażilika, kif ukoll kellhom iċ-ċans iduru Ruma. Huma żaru wkoll xi bliet oħra bħal Tivoli, Subiaco, Assisi, Frascati, u Nettuno. Huma kellhom il-vestizzjoni mill-Arċipriet tal-Bażilika, Mons. Sabattani, u l-udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-27 t'Awwissu.


**STARLETS**

**284, High Street, Balzan**

STATIONERY, TOYS, PAPERBACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES

**Telephone: 41644**

# L-Istorja tal-Kazin Marija Annunzjata

KITBA TA' PAWLU GRIMA

Fil-festa ta' Marija Annunzjata tal-1962, iżżanżnu 10 banda lori oħra u xtrajna wkoll sett pilandri li nżebgħu mill-membri tas-soċjetà, dawn għadhom jintramaw fi Triq it-Tliet Knejjes u Triq Providenza. F'din is-sena wkoll is-Soċjetà ħatret bħala President Onoraji lill-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier LL.D., M.P. u lis-Sur Albert Fenech. Fl-1962 wkoll, sewwasew nhar is-6 ta' Mejju, sar il-ftuħ tas-Sala Parrokkjali Aurora mill-Eċċ. Rev. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi bil-ħidma u t-tħabrik tal-Kappillan, il-Kan. Dun Karm Sciberras. Irrappreżentaw is-Soċjetà tagħna l-President Pawlu Grima, il-Viċi President is-Sur Joe Falzon, u t-Teżorier is-Sur Peter Fenech.

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju 1962, kellna riċeviment għall-unur tal-Presidenti Onorarji tas-Soċjetà. Għal dan ir-reċeviment kienu preżenti t-tliet President Onorarji: l-Onor. Prim Ministru, Dr. Giorgio Borg Olivier, il-Wisq Nobbli Konti Bernardu Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, u s-Sur Albelt Fenech. Kien hemm ukoll il-Kappillan u l-kleru, l-Onor. Dr. Joseph Spiteri, Ministru tax-Xogħlijiet, l-Onor Dr. Paolo Borg Olivier, Ministru tas-Saħħa, rappreżentanti tas-Soċjetajiet ta' Ħal Balzan flimkien mal-membri tas-Soċjetà. Wara diskors mis-Sur Pawlu Grima, tkellem l-Onor. Prim Ministru li, fost ħwejjeġ oħra, qal li huwa jħossu onorat ferm li nħatar President Onorarju tas-Soċjetà, għax huwa qal li Ħal Balzan minn dejjem kien iħobbu u għal xi żmien kien igħix fih ukoll u għad baqagħlu xi membri tal-familja joqogħdu hawn. Wara, is-Sur Valentino Cardona ppreżenta bukkett fjuri lis-Sinjura Borg Olivier u nfetaħ ir-repò.

Fit-28 t'April, is-Soċjetà tagħna ġiet mistiedna għall-ftuħ uffiċjali tas-sezzjoni taż-żagħżagħ Ħaddiema Nsara f'Ħal Balzan, mill-W.R. Mons. Marcel Vlyenbruk, Assistent Chaplain Internazzjonali taż-Ż.H.N. u t-tberik ta' lapida li saret għall-okkażjoni mill-W.R. Kan. Kap. Dun Karm Sciberras. Is-soċjetà tagħna kienet irrappreżentata mill-president, is-Sur Pawlu Grima u mis-Segretarju s-Sur Charles Chetcuti. Fl-1963, ġew imżanżna l-pilandi f'dawn it-toroq: Trieq it-Tlett Knejjes u Trieq il-Providenza, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Annunzjata.

Fid-29 ta' Ġunju 1963, is-soċjetà tagħna ġiet mistiedna mill-Każin tal-Banda San Gabriel għall-Preżentazzjoni ta żewġ standardi wieħed bil-Kuluri Amerikani u l-ieħor ta' Detroit li kienu ġew ippreżentati mis-Sinjur Ġużeppi u Salvatore Gauci. Il-kumitat laqa' l-istedina u ħatar lill-President is-Sur Pawlu Grima, l-Assistent Teżorier is-Sur John Spiteri u l-membru s-Sur Frans Spiteri biex jirrappreżentaw lis-soċjetà.

Nhar is-Sibt, 20 ta' Marzu, 1965, ġie elett il-kumitat biex jammiinstra matul is-sena 1965. Tista' tgħid li baqa' l-istess kumitat ta' qabel bis-Sur Pawlu Grima bħala President, is-Sur Charles Chetcuti bħala Segretarju, u s-Sur Carmelo Sammut bħala Kaxxier. Dan il-kumitat kellu biċċa xogħol iebsa quddiem l-aktar minħabba li kellu żewġ festi fhiex jaħseb. Bħal ma tafu intom, l-ewwel festa kienet tal-Kommemorazzjoni ta' l-għeluq il-75 sena mit-twaqqif ta' din is-soċjetà u l-oħra ta' Marija Annunzjata. Għal daqstant il-kumitat mill-ewwel beda jaħdem bla nifs biex jirranġa u jiżbogħ il-Każin u sar ukoll il-paviment tal-bitħa ġdid bil-madum u affarijiet oħra li kienu jikkonsistu f'armar, organizzazzjoni ta' baned u trattamenti. Imma b'sagrifiċċju kbir iż-żewġ festi rnexxew. Il-festa tal-Kommemorazzjoni damet sejra bi programm ta' tmint ijiem, bejn programmi ta' baned u diversi affarijiet oħra, fosthom inawgurazzjoni ta' lapida mill-Onor. Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier, li ġiet imbierka mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Gonzi. Wara kien sar trattament għal dawk kollha li kienu preżenti.

Fit-22 t'Awwissu, 1965, is-soċjetà ġiet mistiedna għall-festa tal-Każin tal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara għall-okkażjoni ta' l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha u ġiet rappreżentata mill-President is-Sur Pawlu Grima u mis-Segretarju, is-Sur Charles Chetcuti.

Fit-18 t'Ottubru, 1970, is-soċjetà ġiet mistiedna mill-Każin tal-Banda San Gabriel għall-Okkażjoni ta' l-għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu. F'din l-okkażjoni is-soċjetà ġiet irrappreżentata mill-President is-Sur Pawlu Grima u mill-Ass. Teżorier is-Sur John Spiteri.


Fil-Festa ta' Marija Annunzjata tal-1974, is-soċjetà żanżnet sett pavaljuni u kuruna fit-Trieq il-Kbira u fl-istess sena din is-soċjetà ħatret President Onorarju ġdid lil Chev. Oscar Calleja Urry.

Fit-18 ta' April, 1975, il-Każin tal-Banda San Gabriel ipropona li tiġi mwaqqfa l-kummissjoni tal-pittura bejn iż-żewġ każini. Din is-soċjetà aċċettat il-proposta u ngħaqdet f'din il-Kummissjoni. Difatti waħda mill-laqgħat ta' l-istess kummissjoni kienet saret fil-każin tagħna. F'din is-sena wkoll żanżanna erbgħa u għoxrin bandalora li ntramaw ma' l-oħrajn fil-pjazza u f'Idmejda Street.

Fl-1976 ġew imżanżna sett pavaljuni fi Trieq it-Tlett Knejjes u fit-Trieq il-Providenza u fis-sena 1977, ġew imżanżna l-aħħar erba' pavaljuni fi Triq Idmejda. Fl-istess sena sar ukoll ix-xiri ta' liedna tal-plastic kif ukoll ġejna mogħtija Tazza mill-Każin tal-Partit Nazzjonalista li qlajna ma' diversi "trophies" oħra.

Fis-27 t'Awwissu, 1977, sar il-ftuħ uffiċjali tal-Każin Laburista f'Ħal Balzan, fejn is-soċjetà, flimkien ma' soċjetajiet oħra ta' Ħal Balzan ġiet mistiedna. Ir-rappreżentanti tagħna kienu l-President Pawlu Grima, is-Segretarju Charles Chetcuti, u l-membri Sunny Mallia u Spiru Vella.

Is-soċjetà ma waqfitx hawn għax fejn tidħol il-festa ta' Marija Annunzjata, insibu lis-Segretarju, is-Sur Charles Chetcuti, ta' kull sena jdur il-festuni u jagħmel xi oħrajn ġodda. Fil-festa ta' Marija Annunzjata ġejna rregalati tazza mill-Każin Laburista li qlajna ma' diversi "trophies" oħra fil-marċ ta' filgħodu.





F'Diċembru ta' l-1979, is-soċjetà ġiet mistiedna mill-Kunsill Parrokjali ta' Ħal Balzan biex tattendi għall-festin li ġie organizzat f'ġieħ il-Wisq Rev. Kan. Dun Karm Sciberras f'għeluq il-25 sena ta' Kappillan ta' din il-Parroċċa. Is-soċjetà kienet rappreżentata fiċ-ċerimonja tal-Quddiesa fil-parroċċa ta' Ħal Balzan mill-President is-Sur Pawlu Grima; mis-Segretarju, is-Sur Charles Chetcuti u mis-sinjuri membri: Victor Bartolo, Sunny Mallia u Spiru Vella. Dawn ukoll attendew għar-riċeviment li sar fis-sala Aurora.

Fil-Festa ta' Maria Annunzjata ta' l-1980, din is-soċjetà żanżnett xogħol ta' dawl ġdid. Sar disinn tan-Nome de Maria biex jitqiegħed mal-faċċata tal-Każin, li kien maħdum mis-Sur John Grech u ibnu George. Dan ix-xogħol sar kollu b'xejn.

F'għeluq ix-xahar mill-mewt tal-President Onorarju, Dr. Ġorġ Borg Olivier, jiġifieri fid-29 ta' Novembru, 1980 ġiet ikkonċelebrata quddiesa mill-Kappillan Sciberras li kien megħjun mid-direttur spiritwali tas-soċjetà, Dun Ġwann Zammit Hamit — filwaqt li l-offertorju ġie offrut mill-President Pawlu Grima, mis-Segretarju Charles Chetcuti, mill-Konsulent Legali tas-soċjetà Dr. Joe Fenech M.P. u mill-membru tal-Kumitat is-Sur Sunny Mallia. Għall-quddiesa attendew ukoll diversi membri tas-soċjetà, flimkien ma' numru numeruż tal-Poplu Balzani.

Qabel nagħlaq niskuża ruħi jekk jiena ma semmejtx xi ħaġa li ma rnexxilix niġborha u nappella lill-Kumitat u l-membri tas-soċjetà biex b'qalb waħda jħarsu l-quddiem u jkomplu dak li wrietna minn sena għal oħra, permezz ta' kull kumitat li din is-soċjetà kellha f'dawn id-disgħin sena. J'Alla nibqgħu mixjin il-quddiem kulħadd b'qalb waħda għall-ġid tas-soċjetà, tal-festa u tar-raħal tagħna, li jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Jiena, bħala President, li ili ngawdi l-fiduċja tal-membri tul dawn il-25 sena, u li ili naħdem għal din is-soċjetà, megħjun l-aktar mis-Segretarju s-Sur Charles Chetcuti, nirringrazzja lill-Kumitat u lill-membri għall-ko-operazzjoni li dejjem taw lis-soċjetà. Irrid nirringrazzja lill-Poplu Balzani li dejjem ikkopera f'dak li s-soċjeta' organizzat għall-ġid tal-Festa ta' Maria Annunzjata.

Xejn inqas huwa rigal sabiħ l-awguri tl-poplu, biex din is-soċjetà, li rat lill-għaqdiet kollha ta' Ħal Balzan jitwieldu, tibqa' teżisti u tibqa' miexja 'l quddiem għall-ġid tar-Raħal tagħna u ukoll għall-ġieħ ta' Marija Annunzjata li lilha l-Balzanin, għażluha u għadna ngħożżuha bħala l-Patruna tagħna.

**SKARPOLI**

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND **SKARPOLI**

TA' TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN

**Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.**

Ħinijiet:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.